MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2014

Numru. 1168/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**VS**

**EMANUEL DIMECH**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emanuel Dimech, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 336454 (M).

**Akkuzat talli:**

Bejn Awwissu 2005 u Lulju 2010 f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differerenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet

tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita` tieghu personali, appropriha ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta` haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikata u cioe` ma hallasx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta` seba` t'elef, erba` mija erbgha u ghoxrin u erbgha u disghin centezmu (€7,424.94).

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat mill-Prosekuzzjoni;

Wara li rat il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fedina penali netta tal-imputat;

Wara li rat l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza;

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu l-ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena, l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat temmen illi piena karcerarja effettiva mhix adekwata f'dan il-kaz. Ghaldaqstant filwaqt li ssib lill-istess imputat hati kif akkuzat tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien ta` sitt (6) xhur mil-llum a tenur tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------